Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

30 ta' Novembru 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea – Membru ta' korp tal-Bank Ċentrali Ewropew – Gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru – Immunità minn proċeduri kriminali – Akkuża marbuta mal-attivitajiet eżerċitati fil-kuntest tal-kariga fi ħdan l-Istat Membru"

Fil-Kawża C-3/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rīgas rajona tiesa (il-Qorti Distrettwali ta' Riga, il-Latvja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Jannar 2020, fil-proċeduri kriminali kontra

**AB,**

**CE,**

**"MM investīcijas" SIA,**

fil-preżenza ta':

**LR Ģenerālprokuratūras Krimināltiesiskā departamenta Sevišķi svarīgu lietu izmeklēšanas nodaļa,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, K. Jürimäe, C. Lycourgos, E. Regan, N. Jääskinen u I. Ziemele, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič, J.-C. Bonichot (Relatur), P. G. Xuereb u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Longar, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Jannar 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AB, minn M. Kvēps u A. Repšs, advokāti,

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

– għal CE, minn D. Vilemsons, advokāts,

– għal LR Ģenerālprokuratūras Krimināltiesiskā departamenta Sevišķi svarīgu lietu izmeklēšanas nodaļa, minn V. Jirgena,

– għall-Gvern Latvjan, minn K. Pommere, bħala aġent,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn L. Flynn, I. Naglis u S. Delaude, sussegwentement minn L. Flynn u S. Delaude, bħala aġenti,

– għall-Bank Ċentrali Ewropew, minn C. Zilioli, K. Kaiser u F. Malfrère, bħala aġenti, assistiti minn V. Čukste-Jurjeva, advokāte,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tad-29 ta' April 2021,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(a), tal-Artikolu 17 u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, C 202, p. 266, iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għal korruzzjoni u ħasil ta' flus mibdija kontra AB, ex Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja, CE u "MM investīcijas" SIA.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Il-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE*

3 Il-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU 2016, C 202, p. 230, iktar 'il quddiem il-"Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE"), jipprovdi, fl-Artikolu 2 tiegħu, intitolat "Għanijiet":

"Skond l-Artikoli 127(1) u 282(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-mira ewlenija [tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ)] għandha tkun li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-mira ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet, għandha wkoll tagħti appoġġ lil-linji politiċi ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bil-ħsieb li tgħin sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni kif indikati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-SEBĊ għandha taġixxi skond il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, u tiffavorixxi allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi, u konformement mal-prinċipji indikati fl-Artikolu 119 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea."

4 L-Artikolu 3 ta' dan il-protokoll, intitolat "Kompiti", jipprevedi:

"3.1. Skond l-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-ħidma fondamentali li għandha ssir permezz tas-SEBĊ hija:

– li tiddefinixxi u timplimentata l-politika monetarja ta' l-Unjoni;

– li tmexxi l-operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 219 ta' dak it-Trattat;

– li żżomm in depożitu u tamministra r-riservi barranin uffiċjali ta' l-Istati Membri;

– li tippromwovi l-funzjonament regolari tas-sistemi tal-pagamenti.

3.2. Skond l-Artikolu 127(3) tat-Trattat imsemmi, it-tielet subinċiż ta' l-Artikolu 3.1 ma jippreġudikax id-dritt ta' Stati Membri li jżommu in depożitu u jamministraw il-bilanċi operattivi fil-kambju internazzjonali.

3.3. Skond l-Artikolu 127(5) tat-Trattat imsemmi, is-SEBĊ għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija tmexxija tajba ta' linji politiċi segwiti mill-awtoritajiet kompetenti f'dak li jirrigwarda is-sorveljanza prudenzjali li tkun marbuta mas-sorveljanza għaqlija ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja."

5 Fi kliem l-Artikolu 7 tal-imsemmi protokoll, intitolat "L-indipendenza":

"Skond l-Artikolu 130 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, meta jeżerċitaw il-poteri u jwettqu l-kompiti u jaqdu d-dmirijiet fdati f'idejhom bit-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea u b'dan l-Istatut, la l-[Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)], la xi bank ċentrali nazzjonali, u lanqas xi membru tal-korpi deċiżjonali tagħhom, ma għandu jitlob jew jaċċetta istruzzjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi ta' l-Unjoni, minn xi gvern ta' Stat Membru jew minn xi korp ieħor. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri jintrabtu li jirrispettaw dan il-prinċipju u li ma jippruvawx jinfluwenzaw lill-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE jew tal-banek ċentrali nazzjonali, fil-qadi ta' dmirijiethom."

6 L-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprovdi, fil-paragrafu 9.3 tiegħu:

"Skond l-Artikolu 129(1) tat-Trattat imsemmi, il-korpi deċiżjonali tal-BĊE li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom ikunu l-Kunsill Regolatorju u l-Bord Eżekuttiv."

7 L-Artikolu 10 ta' dan il-protokoll, intitolat "Il-Kunsill Regolatorju", jipprevedi, fil-paragrafu 10.1 tiegħu:

"Skond l-Artikolu 283(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Regolatorju għandu jiġbor fih il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u l-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro."

8 L-Artikolu 39 tal-imsemmi protokoll, intitolat "Il-privileġġi u l-immunitajiet", jipprevedi:

"Il-BĊE għandu jgawdi fit-territorji ta' l-Istati Membri, dawk il-privileġġi u l-immunitajiet li jkunu meħtieġa għall-qadi ta' d-dmirijiet tiegħu, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Unjoni."

9 Fi kliem l-Artikolu 44 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, intitolat "Il-Kunsill Ġenerali tal-BĊE":

"44.1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 129(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ġenerali jiġi kostitwit bħala t-tielet korp deċiżjonali tal-BĊE.

44.2. Il-Kunsill Ġenerali jkun magħmul mill-President u l-Viċi-President tal-BĊE u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali. Il-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jipparteċipaw, mingħajr id-dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-Kunsill Ġenerali.

[…]"

*Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet*

10 Fi kliem l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet:

"Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom."

11 L-Artikolu 9 tal-istess protokoll jipprovdi:

"Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu, għandhom igawdu:

a) fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

b) fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.

L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.

L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu."

12 L-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jipprovdi li:

"Rappreżentanti ta' Stati Membri li jkunu qed jieħdu sehem fil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni, il-konsulenti u l-esperti tekniċi tagħhom għandhom, fil-qadi tad-doveri tagħhom u waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post tal-laqgħa jgawdu mill-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet konswetudinarji.

Dan l-Artikolu japplika wkoll għal membri ta' korpi ta' konsulenza ta' l-Unjoni."

13 L-Artikolu 11 ta' dan il-protokoll jipprevedi:

"Fit-territorju ta' kull Stat Membru u tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, uffiċjali u impjegati oħra ta' l-Unjoni:

a) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li għandhom x'jaqsmu, min-naħa l-waħda, mar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' uffiċjali u impjegati oħra lejn l-Unjoni u, min-naħa l-oħra, mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fi kwistjonijiet bejn l-Unjoni u l-uffiċjali u impjegati oħra tagħha, ikollhom immunità minn proċedimenti legali fir-rigward ta' atti magħmulin minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom, inklużi kliem li jkunu qalu jew kitbu. Ikomplu jgawdu din l-immunità wara li jkunu temmew il-kariga tagħhom;

[...]"

14 Fi kliem l-Artikolu 17 tal-imsemmi protokoll:

"Privileġġi, immunitajiet u faċilitajiet jingħataw lill-uffiċjali u l-impjegati oħra ta' l-Unjoni unikament fl-interessi ta' l-Unjoni.

Kull istituzzjoni ta' l-Unjoni tkun meħtieġa li tirrinunzja għall-immunità mogħtija lil xi uffiċjal jew impjegat ieħor kull fejn dik l-istituzzjoni jidhrilha li r-rinunzja għal dik l-immunità ma tkunx kontra l-interessi ta' l-Unjoni."

15 L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jipprovdi:

"L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni għandhom, bl-għan li jiġi applikat dan il-Protokoll, jikkoperaw ma' l-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istati Membri involuti."

16 L-Artikolu 22 ta' dan il-protokoll jipprevedi:

"Dan il-Protokoll għandu jkun japplika wkoll għall-Bank Ċentrali Ewropew, għall-membri ta' l-organi tiegħu u għall-persunal tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll fuq l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

[...]"

### *Id-dritt Latvjan*

*Il-Liġi dwar il-Bank Ċentrali tal-Latvja*

17 L-Artikolu 2 tal-likums "Par Latvijas Banku" (il-Liġi dwar il-Bank Ċentrali tal-Latvja) jipprevedi li l-Bank Ċentrali tal-Latvja huwa membru tas-SEBĊ.

18 Skont l-Artikolu 7 ta' din il-liġi, il-Bank Ċentrali tal-Latvja għandu jikkoopera mal-BĊE, mal-banek ċentrali tal-Istati Membri tal-Unjoni u mal-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi, kif ukoll ma' entitajiet finanzjarji oħra. Il-Bank Ċentrali tal-Latvja, bla ħsara għall-ftehim tal-BĊE, huwa awtorizzat jipparteċipa fl-istituzzjonijiet monetarji internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 6.2 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE. Il-Bank Ċentrali tal-Latvja jista' jipparteċipa fl-istituzzjonijiet monetarji internazzjonali li jikkorrispondu għall-iskopijiet u għall-funzjonijiet tiegħu, fl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' dan il-protokoll.

19 Mill-Artikolu 13 tal-imsemmija liġi jirriżulta li l-Gvernatur, il-Viċi Gvernatur u l-Membri tal-Kunsill tal-Bank Ċentrali tal-Latvja la jitolbu u lanqas jaċċettaw ebda istruzzjoni mill-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u minn dawk tal-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u minn istituzzjonijiet nazzjonali, barranin jew internazzjonali oħra u mill-organi tagħhom. Dan l-artikolu jipprevedi wkoll, konformement mal-Artikolu 130 TFUE, li dawn il-gvernijiet, istituzzjonijiet u l-organi tagħhom ma jistgħux jagħtu istruzzjonijiet lill-Gvernatur, lill-Viċi Gvernatur u lill-Membri tal-Kunsill tal-Bank Ċentrali tal-Latvja, u lanqas ma jistgħu jfittxu li jinfluwenzawhom b'mod ieħor fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Il-Bank Ċentrali tal-Latvja għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu u jimplimentahom b'indipendenza sħiħa.

*Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali*

20 L-Artikolu 10 tal-Kriminālprocesa likums (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali) jipprovdi li l-immunità mill-proċeduri kriminali teżenta, totalment jew parzjalment, persuna milli tipparteċipa fi proċeduri kriminali kif ukoll milli tixhed u tipproduċi dokumenti u atti, u tipprojbixxi jew tirrestrinġi d-dritt li jiġu eżerċitati proċeduri kriminali kontriha u li jiġu applikati miżuri vinkolanti fil-konfront tagħha, kif ukoll id-dritt ta' dħul fil-bini fil-pussess tagħha u ta' twettiq fih ta' atti ta' investigazzjoni.

21 Fi kliem l-Artikolu 116(1) sa (3) ta' dan il-kodiċi:

"1. L-immunità minn proċeduri kriminali hija bbażata fuq l-istatus ġuridiku speċjali ta' persuna, ta' informazzjoni jew ta' post, speċifikat fil-Kostituzzjoni, f'dan il-kodiċi, jew f'liġijiet jew trattati internazzjonali oħra, li jiggarantixxi d-dritt ta' persuna li ma tikkonformax ruħha, totalment jew parzjalment, ma' obbligu skont il-proċeduri kriminali jew li jirrestrinġi d-dritt ta' twettiq ta' atti ta' investigazzjoni speċifiċi.

2. L-immunità minn proċeduri kriminali ta' persuna tirriżulta:

1) mill-immunità kriminali tagħha, kif speċifikata fil-Kostituzzjoni jew fit-trattati internazzjonali;

2) mill-kariga jew mill-professjoni tagħha;

3) mill-istatus tagħha fil-proċeduri kriminali kkonċernati;

4) mir-rabtiet tal-familja tagħha.

3. Persuna għandha d-dritt għall-immunità mill-proċeduri kriminali meta l-informazzjoni mitluba mingħandha tikkonċerna:

1) sigrieti tal-Istat protetti mil-liġi;

2) is-sigriet professjonali protett mil-liġi;

3) is-sigriet kummerċjali protett mil-liġi;

4) il-kunfidenzjalità tal-ħajja privata protetta mil-liġi."

22 L-Artikolu 404 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprovdi li, mingħajr ħsara għal xi dispożizzjoni kuntrarja tal-imsemmi kodiċi, l-Uffiċċju tal-Prosekutur għandu jikkomunika lill-awtorità kompetenti proposta ta' awtorizzazzjoni sabiex jinbdew proċeduri kriminali kontra persuna li tibbenifika, skont il-liġi, mill-immunità minn proċeduri kriminali jekk iqis li jeżistu raġunijiet li jippermettu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà kriminali tagħha. Flimkien mal-proposta għandha tingħata informazzjoni dwar il-provi tal-ħtija tal-persuna li t-tneħħija tal-immunità tagħha hija mitluba.

**Il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

23 AB okkupa l-pożizzjoni ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja mill-21 ta' Diċembru 2001 sal-21 ta' Diċembru 2019.

24 Huwa sar membru tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Latvja mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004, u sussegwentement membru tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE wara l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru fiż-żona euro fl-1 ta' Jannar 2014.

25 Fis-17 ta' Frar 2018, AB ġie arrestat wara li nfetħet investigazzjoni kriminali preliminari mmexxija mill-Korupcijas novēršanas un apkarošanas birojs (l-Uffiċċju għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, il-Latvja) (iktar 'il quddiem il-"KNAB") u ġie rrilaxxat fid-19 ta' Frar 2018. Permezz ta' deċiżjoni adottata fl-istess jum, il-KNAB impona fuqu ċertu numru ta' miżuri ta' sigurtà, fosthom il-projbizzjoni mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja. Fit-28 ta' Ġunju 2018, huwa ġie akkużat b'reati ta' korruzzjoni mill-prosekutriċi responsabbli għall-kawża.

26 Permezz tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Rimšēvičs u BĊE vs Il-Latvja (C-202/18 u C-238/18 EU:C:2019:139), il-Qorti tal-Ġustizzja, meta ddeċidiet dwar rikorsi ppreżentati minn AB u mill-BĊE, annullat id-deċiżjoni tad-19 ta' Frar 2018 tal-KNAB, sa fejn din kienet tipprojbixxi lil AB milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Repubblika tal-Latvja ma kinitx stabbilixxiet li t-tneħħija tal-funzjonijiet ta' AB kienet ibbażata fuq indizji suffiċjenti li jistabbilixxu li dan kien aġixxa b'mod serjament ħażin, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14.2 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE.

27 L-att ta' akkuża ta' AB ġie kkompletat fl-24 ta' Mejju 2019 u jinkludi tliet kapi ta' akkuża.

28 L-ewwel kap ta' akkuża mressaq kontrih jikkonċerna l-aċċettazzjoni, qabel it-30 ta' Ġunju 2010, ta' offerta ta' tixħim magħmula minn KM, president tal-bord ta' sorveljanza ta' bank Latvjan, u ta' tixħim innifsu, li jikkonsisti fi vjaġġ ta' divertiment kollettiv lejn il-Kamtchaka (ir-Russja), fl-ammont ta' EUR 7 490, li seħħ mill-20 sat-30 ta' Awwissu 2010. Bħala korrispettiv, AB ipprovda pariri lil KM sabiex dan il-bank ikun jista' jevadi s-sorveljanza tal-Finanšu un kapitāla tirgus komisija (il-Kummissjoni tas-Swieq Finanzjarji u tal-Kapital, il-Latvja) (iktar 'il quddiem il-"FKTK") u astjena milli jipparteċipa fil-laqgħat tal-FKTK li matulhom ġew ittrattati l-kwistjonijiet marbuta mas-sorveljanza tal-imsemmi bank.

29 It-tieni kap ta' akkuża mressaq kontrih jikkonċerna, minn naħa, l-aċċettazzjoni, wara t-23 ta' Awwissu 2012, ta' offerta ta' tixħim li tikkonsisti fil-ħlas tas-somma ta' EUR 500 000 minn OP, viċi president tal-bord tad-diretturi tal-istess bank Latvjan, inkambju għal pariri ta' AB sabiex tinkiseb it-tneħħija tar-restrizzjonijiet għall-attivitajiet ta' dan il-bank ordnati mill-FKTK u sabiex

ma jiġux imposti restrizzjonijiet oħra, u, min-naħa l-oħra, l-aċċettazzjoni minn AB tal-ħlas ta' nofs dan it-tixħim, jiġifieri EUR 250 000. In-nofs l-ieħor tat-tixħim, li kellu jitħallas wara l-adozzjoni mill-FKTK ta' deċiżjoni favorevoli għall-imsemmi bank, ma kienx tħallas lil AB.

30 It-tielet kap ta' akkuża mressaq kontrih jikkonċerna l-ħasil tal-flus intiż sabiex jaħbi l-oriġini, it-trasferimenti u l-proprjetà tal-fondi mħallsa lil AB li jikkorrispondu għat-tixħim imsemmi fit-tieni kap ta' akkuża. Dan it-tixħim ġie investit fl-akkwist ta' proprjetà immobbli minn kumpannija skrin permezz ta' fondi ttrasferiti minn intermedjarju.

31 Matul il-proċeduri kriminali, l-avukati ta' AB talbu lill-qorti tar-rinviju tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet. Filwaqt li jinvokaw l-Artikoli 11 u 22 ta' dan il-protokoll, huma jikkunsidraw li l-immunità minn proċeduri legali prevista mill-imsemmi protokoll hija applikabbli għal AB għall-atti li huwa wettaq fil-kwalità tiegħu ta' membru tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE.

32 L-Uffiċċju tal-Prosekutur ma jikkontestax li AB jista' jibbenefika minn din l-immunità meta jaġixxi bħala membru tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE, iżda jqis li, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali, l-atti li huwa akkużat bihom ma humiex marbuta mal-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru ta' dan il-kunsill, b'tali mod li l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ma japplikax għal AB.

33 Il-qorti tar-rinviju tqis li hija għandha, qabel ma tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura kriminali, tippronunzja ruħha fuq l-eżistenza u l-estent ta' immunità possibbli ta' AB. Hija tistaqsi jekk il-kwalità ta' gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja, li minnha toħroġ ukoll dik ta' membru tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE, tagħtix awtomatikament lil AB immunità minn proċeduri kriminali u minn proċeduri ġudizzjarji. Fil-każ affermattiv, hija tqis li għandu jiġi ddeterminat jekk hemmx lok li tintalab it-tneħħija ta' din l-immunità fil-każijiet kollha jew jekk l-awtorità responsabbli għall-proċedura, jiġifieri l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-fażi preliminari, u l-qorti tal-mertu fil-proċedura ġudizzjarja, humiex kompetenti sabiex jevalwaw jekk, fil-kuntest speċifiku tal-proċeduri kriminali inkwistjoni, jeżistix interess għall-Unjoni li l-persuna involuta tibbenefika minn din l-immunità u, fil-każ fejn dan l-interess jeżisti, sabiex jitolbu t-tneħħija tal-imsemmija immunità meta l-atti jkunu marbuta mal-eżerċizzju ta' kariga fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni, f'dan il-każ il-BĊE. Fil-każ li membru tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE jingħata l-immunità mill-proċeduri kriminali, il-qorti tar-rinviju tqajjem ukoll il-kwistjoni dwar f'liema stadju tal-proċedura għandha tintalab it-tneħħija ta' din l-immunità. Fl-aħħar nett, hija tosserva li, sa fejn l-aġir u l-atti ta' persuna huma ddeterminati mill-informazzjoni kollha li hija għandha, ma huwiex dejjem faċli, fil-prattika, li l-immunità mogħtija fl-interess tal-Unjoni tiġi sseparata mill-atti mwettqa barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-immunità.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rīgas rajona tiesa (il-Qorti Distrettwali ta' Riga, il-Latvja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 11(a) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22 tal-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet] japplikaw għall-kariga ta' membru tal-Bord tal-Gvernaturi [tal-Kunsill Regolatorju] tal-Bank Ċentrali Ewropew, eżerċitata mill-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru, jiġifieri l-President tal-Bank tal-Latvja, AB?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, dawn id-dispożizzjonijiet ikomplu jiżguraw lil din il-persuna l-immunità kontra proċeduri kriminali anki wara li hija tkun telqet mill-pożizzjoni ta' gvernatur tal-bank ċentrali ta' Stat Membru u, għaldaqstant, mill-pożizzjoni ta' membru tal-Bord tal-Gvernaturi [tal-Kunsill Regolatorju] tal-Bank Ċentrali Ewropew?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, din l-immunità tirrigwarda biss l-immunità "minn proċedimenti legali", hekk kif jindika l-Artikolu 11(a) tal-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet] jew din testendi wkoll għall-proċeduri kriminali, inkluż għan-notifika tal-att ta' akkuża u għall-kisba ta' provi? Fil-każ li l-immunità tapplika għall-proċeduri kriminali, dan il-fatt jinfluwenza l-possibbiltà li jintużaw il-provi?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 11(a) tal-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet], moqri flimkien mal-Artikolu 17 tal-imsemmi protokoll, jippermetti lil min ikun responsabbli mill-proċeduri jew, fl-istadju korrispondenti tal-proċeduri, lill-Kulleġġ Ġudikanti jevalwa l-eżistenza ta' interess tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-imsemmija proċeduri u, biss fil-każ li din l-eżistenza tiġi kkonstatata – jiġifieri jekk l-aġir inkriminat ta' AB ikun marbut mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Eworpea –, jitlob lill-istituzzjoni kkonċernata, jiġifieri lill-Bank Ċentrali Ewropew, tneħħi l-immunità ta' din il-persuna?

5) L-eżistenza ta' interess tal-Unjoni Ewropea, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-[Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet] għandha dejjem tkun direttament marbuta mad-deċiżjonijiet adottati jew mal-atti mwettqa fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea? Fil-fatt, tali uffiċjal jista' jkun is-suġġett ta' att proċedurali kriminali jekk l-akkuża tiegħu ma tkunx marbuta mal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea iżda mal-attivitajiet eżerċitati fil-kuntest tal-funzjonijiet tiegħu fi ħdan Stat Membru?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 22 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandux jiġi interpretat fis-sens li l-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru jista' jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) ta' dan il-protokoll.

36 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li l-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru huwa fost il-persuni msemmija fl-Artikolu 22 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet.

37 Fil-fatt, l-Artikolu 22(1) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jipprovdi li dan japplika għall-BĊE, għall-membri tal-korpi tiegħu u għall-persunal tiegħu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE.

38 Issa, minn naħa, il-gvernaturi tal-banek ċentrali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma, skont l-Artikolu 283(1) TFUE u l-Artikolu 10.1 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, membri *ipso iure* tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE, li jikkostitwixxi korp deċiżjonali tal-BĊE, skont l-Artikolu 129(1) TFUE u l-Artikolu 9.3 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u

tal-BĊE. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 44.2 ta' dan il-protokoll jipprovdi li l-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri huma membri tal-Kunsill Ġenerali, it-tielet korp deċiżjonali tal-BĊE skont l-Artikolu 44.1 tal-imsemmi protokoll.

39 Konsegwentement, bħala membru ta' mill-inqas korp wieħed tal-BĊE, il-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru għandu jkun fost il-persuni msemmija fl-Artikolu 22(1) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet. Għaldaqstant, dan il-protokoll huwa applikabbli għalih.

40 Fit-tieni lok, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali jistax jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet.

41 Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 22(1) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ma jippreċiżax id-dispożizzjonijiet ta' dan il-protokoll li huma applikabbli għall-persuni li huwa jsemmi. Min-naħa l-oħra, l-imsemmi protokoll jagħti immunitajiet, li jvarjaw skont in-natura u l-portata tagħhom, lil tliet kategoriji ta' persuni, li magħhom ir-rabta tal-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali ma hijiex ovvja.

42 L-ewwel, l-immunitajiet tal-membri tal-Parlament Ewropew, imsemmija fl-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, huma ddefiniti f'termini li jirrigwardaw speċifikament il-funzjonijiet ta' dawn tal-aħħar u għalhekk ma humiex applikabbli għal gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali.

43 It-tieni, l-immunitajiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fix-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li huma s-suġġett tal-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, lanqas ma jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali. Minn naħa, dan tal-aħħar ma jistax jitqies li huwa r-rappreżentant ta' Stat Membru meta jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' membru tal-Kunsill Regolatorju jew tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Fil-fatt, l-Artikolu 130 TFUE u l-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE jipprovdu li, fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom mit-Trattati, il-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali la jistgħu jitolbu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Rimšēvičs u BĊE vs Il-Latvja, C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 72). Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, l-immunitajiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fix-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma l-"immunitajiet [...] konswetudinarji", u dan, kif indikat l-Avukata Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu jinftiehem bħala riferiment għall-immunitajiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi, konkluża fi Vjenna fit-18 ta' April 1961. Issa, tali immunitajiet, li jingħataw lid-diplomatiċi sabiex jiżguraw it-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tal-missjonijiet diplomatiċi u konsulari fl-Istat ta' residenza, ma jistgħux, min-natura tagħhom, jiġu invokati mill-benefiċjarji tagħhom kontra l-Istati Membri li tagħhom huma r-rappreżentanti. Konsegwentement, il-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru ma jistax, fi kwalunkwe każ, jinvoka l-benefiċċju tal-imsemmija immunitajiet fil-konfront tal-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru.

44 It-tielet, għalkemm l-uffiċjali u l-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni jgawdu, skont l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, mill-immunità minn proċeduri legali għall-atti mwettqa minnhom, inkluż il-kliem u l-kitbiet tagħhom, fil-kwalità uffiċjali tagħhom, għandu jiġi osservat li l-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali jinsabu f'pożizzjoni differenti minn dawn tal-aħħar. Minn naħa, bħala awtoritajiet nazzjonali, huma jinħatru u, meta jkun il-każ, jitneħħew mill-Istati Membri (sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Rimšēvičs u BĊE vs

Il-Latvja, C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 72). Min-naħa l-oħra, dawn ma humiex suġġetti għal istituzzjoni tal-Unjoni, peress li, skont l-Artikolu 130 TFUE u l-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, huma la jistgħu jitolbu u lanqas jaċċettaw istruzzjonijiet mingħand istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni, kif ukoll mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe organu ieħor.

45 Madankollu, il-pożizzjoni ta' gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali, li huwa ċertament awtorità nazzjonali iżda jaġixxi fl-ambitu tas-SEBĊ u li, bħala gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, jifforma parti mill-korp prinċipali ta' ġestjoni tal-BĊE, hija kkaratterizzata minn rwol funzjonali doppju li jwassal għal status ibridu (sentenza tas-26 ta' Frar 2019, Ilmārs Rimšēvičs u BĊE vs Il-Latvja, C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 70). Għalhekk, dan il-gvernatur jaġixxi f'isem istituzzjoni tal-Unjoni, f'dan il-każ il-BĊE, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-Kunsill Regolatorju. L-istess japplika, kif jirriżulta mill-punt 38 ta' din is-sentenza, għal gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu ma hijiex l-euro fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE.

46 L-immunità li minnha gvernatur ta' bank ċentrali jibbenefika fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala membru tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE jew bħala membru tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE tirriżulta għalhekk mir-rekwiżit li jiġu żgurati l-immunitajiet tiegħu li huma neċessarji għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu, kif previst fl-Artikolu 39 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE. Konsegwentement, gvernatur ta' bank ċentrali għandu jibbenefika, fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet, minn privileġġi u mill-immunitajiet li huma neċessarji għat-twettiq tad-dmirijiet tal-BĊE.

47 Barra minn hekk, l-għoti lill-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-benefiċċju tal-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, li huwa intiż sabiex jiggarantixxi l-indipendenza tal-benefiċjarji tagħha fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali fl-interess tal-Unjoni, huwa ta' natura li jikkontribwixxi għall-indipendenza li l-Artikolu 130 TFUE u l-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE jirrikjedu b'mod partikolari mill-imsemmija gvernaturi fl-eżerċizzju tas-setgħat u fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom mit-Trattati u mill-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE.

48 Barra minn hekk, peress li l-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali ma jistgħu manifestament jibbenefikaw minn ebda waħda miż-żewġ immunitajiet l-oħra previsti mill-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, il-fatt li dawn jiġu mċaħħda wkoll mill-benefiċċju tal-immunità minn proċedura legali stabbilita fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ikollu l-konsegwenza paradossali li jċaħħad minn kull immunità lill-persuni li lilhom it-Trattati jafdaw ir-responsabbiltà li jmexxu l-politika monetarja tal-Unjoni u li lilhom huma riedu espressament jipproteġu minn kull influwenza fl-eżerċizzju ta' dan il-kompitu.

49 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 22(1) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lill-persunal tal-BĊE, li huwa jsemmi espressament, l-istess immunità minn proċeduri legali li minnha jgawdi l-persunal tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni. Issa, la mit-Trattati u lanqas mill-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE ma jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti lill-membri tal-korpi tal-BĊE, u b'mod partikolari lill-membri tal-Kunsill Regolatorju, il-korp deċiżjonali prinċipali tiegħu, protezzjoni inqas minn dik mogħtija lill-persunal kollu tal-BĊE.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 22 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, moqri fid-dawl tal-Artikolu 130 TFUE u tal-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru jista' jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għall-atti li huwa wettaq fil-kwalità uffiċjali tiegħu bħala membru ta' korp tal-BĊE.

### *Fuq it-tieni domanda*

51 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta' dan il-protokoll, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru jkompli jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-imsemmi protokoll wara li jkun waqaf jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu.

52 Skont din id-dispożizzjoni, l-uffiċjali u l-membri l-oħra tal-persunal tal-Unjoni għandhom ikomplu jgawdu mill-immunità minn proċeduri legali wara t-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom. Issa, kif ġie konkluż fil-punt 50 ta' din is-sentenza, il-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali jibbenefika minn din l-immunità minn proċeduri legali bħala membru ta' korp tal-BĊE, skont l-Artikolu 22 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet. Konsegwentement, huwa jżomm il-benefiċċju wara li jkun waqaf jeżerċita l-funzjonijiet ta' membru ta' tali korp.

53 Huwa għalhekk li t-tmiem tal-funzjonijiet ta' gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali, li jtemm, skont l-Artikolu 10.1 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, l-eżerċizzju *ipso iure* tal-funzjonijiet ta' membru ta' korp tal-BĊE minn dan il-gvernatur, ma jneħħix lil dan tal-aħħar il-benefiċċju tal-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet.

54 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta' dan il-protokoll, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru jkompli, għall-atti mwettqa fil-kwalità uffiċjali tiegħu, jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-imsemmi protokoll wara li jkun waqaf jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu.

### *Fuq ir-raba' domanda*

55 Permezz tar-raba' domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata qabel it-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, moqri flimkien mal-Artikolu 17 ta' dan il-protokoll, għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali, jiġifieri, skont l-istadju tal-proċedura, l-awtorità responsabbli għall-proċeduri kriminali jew il-qorti kriminali kompetenti, tikkonstata hija stess li l-kundizzjonijiet tal-immunità minn proċeduri legali jkunu ssodisfatti qabel ma titlob lill-istituzzjoni kkonċernata t-tneħħija tagħha.

56 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jipprovdi li l-uffiċjali u l-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni għandhom igawdu mill-immunità minn proċeduri legali biss għall-atti li huma jkunu wettqu "fil-kwalità uffiċjali tagħhom", jiġifieri fil-kuntest tal-kompitu fdat lill-Unjoni (sentenza tal-11 ta' Lulju 1968, Sayag u Leduc, 5/68, EU:C:1968:42, p. 585).

57 Barra minn hekk, il-privileġġi u l-immunitajiet, irrikonoxxuti lill-Unjoni permezz ta' dan il-protokoll, huma ta' natura funzjonali sa fejn dawn huma intiżi li jevitaw li jkun hemm ostakolu għall-funzjonament u għall-indipendenza tal-Unjoni, li jimplika, b'mod partikolari, li l-privileġġi, l-immunitajiet u l-faċilitajiet mogħtija lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni jingħataw biss fl-interess ta' din tal-aħħar (digriet tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et*, C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punti 19 u 20, u s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 47).

58 Sabiex tiġi ggarantita din in-natura funzjonali, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-imsemmi protokoll jipprovdi li l-immunità għandha tingħata lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni esklużivament fl-interess tal-Unjoni. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tal-istess protokoll jimplimenta dan il-prinċipju billi jipprovdi li kull istituzzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa tneħħi l-immunità mogħtija lil uffiċjal jew lil membru tal-persunal ieħor fil-każijiet kollha fejn hija tqis li t-tneħħija tal-immunità ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

59 Mill-kunsiderazzjonijiet premessi jirriżulta li hija l-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata u mhux l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali li għandha tevalwa jekk it-tneħħija tal-immunità tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

60 B'kuntrast ma' dan, la l-Artikolu 11(a) u lanqas l-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ma jindikaw liema hija l-awtorità kompetenti sabiex tevalwa l-kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-immunità minn proċeduri legali mfakkra fil-punt 56 ta' din is-sentenza, jiġifieri li l-att li bih huwa akkużat l-uffiċjal jew l-membru tal-persunal tal-Unjoni għandu jkun twettaq minn dan tal-aħħar fil-kwalità uffiċjali tiegħu.

61 Konsegwentement, huwa fid-dawl tal-kuntest u tal-iskop ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet li għandha tiġi ddeterminata l-awtorità kompetenti sabiex tevalwa jekk din il-kundizzjoni tkunx issodisfatta.

62 Fl-ewwel lok, l-istituzzjoni tal-Unjoni li taħtha jaqa' l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal involut hija fl-aħjar pożizzjoni sabiex tiddetermina f'liema kwalità dan aġixxa. Huwa possibbli wkoll li din ikollha d-dokumenti neċessarji għall-konstatazzjoni tar-reat (ara d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et*, C-2/88-IMM, EU:C:1990:315). Barra minn hekk, il-kompetenza li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jagħti espliċitament lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata sabiex tivverifika li t-talba għat-tneħħija tal-immunità indirizzata lilha ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni tagħtiha l-kompetenza sabiex tiżgura ruħha li l-att li bih huwa akkużat l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal ikun twettaq fil-kwalità uffiċjali tiegħu f'isem l-Unjoni. Fil-fatt, jekk l-aġir tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal ma jkunx twettaq fil-kwalità uffiċjali tiegħu, il-proċeduri mressqa kontra dawn tal-aħħar ma jkunux *a fortiori* mistennija li jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni. Mill-kunsiderazzjonijiet premessi jirriżulta li l-istituzzjoni tal-Unjoni li taħtha taqa' l-persuna kkonċernata hija kompetenti sabiex tevalwa l-kundizzjoni mfakkra fil-punt 56 ta' din is-sentenza.

63 Fit-tieni lok, tali konklużjoni ma timplikax madankollu li l-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata tkun, f'kull ċirkustanza, kompetenti sabiex tevalwa jekk l-att li bih ikun akkużat l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal tal-Unjoni twettaqx minnu fil-kwalità uffiċjali tiegħu.

64 Fil-fatt, kif l-Avukata Ġenerali esponiet essenzjalment fil-punt 93 tal-konklużjonijiet tagħha, huma qabelxejn l-awtoritajiet jew il-qrati kompetenti tal-Istati Membri li fil-prattika huma aditi bil-kwistjoni dwar jekk jeżistix ostakolu għall-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali kontra membru tal-persunal tal-Unjoni minħabba l-immunità li dan tal-aħħar jista' jinvoka, peress li huma biss għandhom l-informazzjoni li tippermetti li jiġi ddeterminat jekk l-att inkriminat għandux il-karatteristiċi ta' att imwettaq minn tali membru tal-persunal fl-Unjoni fil-kwalità uffiċjali tiegħu f'isem l-istituzzjoni tal-Unjoni li taħtha huwa jaqa'.

65 Jekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, huma ma jkollhom ebda kompetenza sabiex jevalwaw jekk l-att twettaqx fil-kwalità uffiċjali, huma jkunu obbligati jitolbu lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata t-tneħħija tal-immunità fil-każijiet kollha fejn l-att inkriminat ikun twettaq minn uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni.

66 Madankollu, tali interpretazzjoni tmur kontra l-għanijiet li l-awturi tat-Trattati jfittxu li jilħqu billi jagħtu lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni immunità minn proċeduri legali.

67 Fil-fatt, minn naħa, l-immunità minn proċeduri legali hija, skont l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, limitata għall-atti mwettqa mill-uffiċjali u mill-membri l-oħra tal-persunal tal-Unjoni fil-kwalità uffiċjali tagħhom u, konsegwentement, tkopri biss proporzjon żgħir ta' atti kriminalment sanzjonabbli li dawn l-uffiċjali u l-membri tal-persunal jistgħu jwettqu. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li huma koperti minn dan il-kunċett biss l-atti li, min-natura tagħhom, jirrappreżentaw parteċipazzjoni ta' dak li jinvoka l-immunità fl-eżerċizzju tal-kompiti tal-istituzzjoni li taħtha huwa jaqa' (sentenza tal-11 ta' Lulju 1968, Sayag u Leduc, 5/68, EU:C:1968:42, p. 585). Fid-dawl ta' din l-istess definizzjoni, atti ta' frodi jew, bħal fil-kawża prinċipali, ta' korruzzjoni u ta' ħasil ta' flus jaqgħu mid-definizzjoni tagħhom barra mill-ambitu tal-funzjonijiet ta' uffiċjal jew ta' membru tal-persunal ieħor tal-Unjoni, kif ukoll ta' dawk ta' gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru li jaġixxi fi ħdan korp tal-BĊE, u ma jistgħux għalhekk jaqgħu taħt atti mwettqa minn dawn il-persuni fil-kwalità uffiċjali tagħhom.

68 Min-naħa l-oħra, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jirriżulta li l-immunità minn proċeduri legali hija intiża esklużivament, billi tevita li jkun hemm ostakolu għall-funzjonament u għall-indipendenza tal-Unjoni (digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et*, C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punt 19), sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni u ma tistax għalhekk tostakola l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-kompetenza tagħhom fil-qasam tar-repressjoni tar-reati kriminali meta dawn l-interessi ma jkunux involuti.

69 Issa, l-eżerċizzju ta' din il-kompetenza jkun ostakolat, jew tal-inqas sistematikament imdewwem, jekk l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali tkun, fil-każijiet kollha, obbligata li titlob lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata t-tneħħija tal-immunità malli jinbdew proċeduri kriminali kontra wieħed mill-uffiċjali jew mill-membri tal-persunal ta' din l-istituzzjoni.

70 Konsegwentement, din l-awtorità nazzjonali għandha tkun tista' tikkonstata li r-reat imwettaq minn uffiċjal jew minn membru tal-persunal ieħor tal-Unjoni ma kienx manifestament imwettaq minn dan tal-aħħar fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu.

71 It-tqassim tal-kompetenza bejn l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali u l-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata sabiex jiġi evalwat jekk l-att li jista' jiġi kklassifikat kriminali twettaqx minn uffiċjal jew minn membru tal-persunal ieħor tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu huwa barra minn hekk konformi mal-intenzjoni espressa mill-awturi

tat-Trattati fl-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet. Fil-fatt, dan l-artikolu jipprovdi li, għall-applikazzjoni ta' dan il-protokoll, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri kkonċernati.

72 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-għoti tal-assistenza attiva tagħha għal proċeduri ġudizzjarji, billi tgħaddi lill-qorti nazzjonali dokumenti u billi tawtorizza lill-uffiċjali jew lill-membri tal-persunal tagħha jixhdu fil-proċedura nazzjonali jikkostitwixxi obbligu għal kull istituzzjoni tal-Unjoni, u dawn l-istituzzjonijiet jibqgħu marbuta, fl-applikazzjoni tal-imsemmi protokoll, li josservaw l-obbligu ta' kooperazzjoni leali mal-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari dawk ġudizzjarji, li huwa impost fuqhom (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et*, C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punti 21 u 22).

73 Fir-rigward tal-modalitajiet ta' din il-kooperazzjoni, għandu jiġi rrilevat li, fil-prattika, il-kwistjoni dwar jekk l-att inkriminat twettaqx mill-uffiċjal jew mill-membru tal-persunal tal-Unjoni fil-kwalità uffiċjali tiegħu tkun qabelxejn kwistjoni tal-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali u li din hija f'pożizzjoni li twettaq biss evalwazzjoni sommarja dwar ir-realtà ta' dan il-kriterju. Għalhekk, meta din tal-aħħar tikkonstata li l-att li huwa s-suġġett tal-proċeduri kriminali ma twettaqx manifestament mill-uffiċjal jew mill-membru tal-persunal tal-Unjoni involut fil-kwalità uffiċjali tiegħu, il-proċeduri fil-konfront tiegħu jistgħu jitkomplew sa fejn l-immunità minn proċeduri legali ma tapplikax. B'kuntrast ma' dan, meta, fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, l-imsemmija awtorità nazzjonali tistaqsi dwar dan il-punt, hija għandha, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, u konformement mal-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, tikkonsulta lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata u, fil-każ li din tqis li l-att twettaq fil-kwalità uffiċjali, titlob mingħandha t-tneħħija tal-immunità tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal involut.

74 Fil-każ fejn l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali tikkunsidra mill-bidu li l-att twettaq mill-uffiċjal jew mill-membru tal-persunal ikkonċernat fil-kwalità uffiċjali tiegħu, hija għandha tindirizza direttament lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata talba għat-tneħħija tal-immunità tiegħu jekk ikollha l-intenzjoni tkompli b'dawn il-proċeduri. Skont ir-regola inkluża fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, li tikkostitwixxi espressjoni speċifika tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali li għandhom l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni lejn l-Istati Membri, din it-talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tintlaqa' ħlief jekk jiġi stabbilit li l-interessi tal-Unjoni jipprekludu dan. Din in-natura funzjonali u, għaldaqstant, relattiva tal-privileġġi u tal-immunitajiet tal-Unjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tenfasizza (digriet tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartveld *et*, C-2/88-IMM, EU:C:1990:315, punt 20), tassumi importanza ikbar sa fejn l-effettività tal-proċeduri, partikolarment dawk kriminali, fl-Istati Membri tista' hija stess taqa' direttament taħt l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2018, Scialdone, C-574/15, EU:C:2018:295, punti 27 sa 29; tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punti 53 sa 55; u tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 212 sa 214).

75 L-osservanza tat-tqassim u tal-eżerċizzju tajjeb tal-kompetenzi hawn fuq deskritti tiġi żgurata, jekk ikun il-każ, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont ir-rimedji legali previsti mit-Trattati. Għalhekk, in-nuqqas tal-awtoritajiet nazzjonali, inklużi dawk ġudizzjarji, responsabbli għall-proċeduri kriminali milli jwettqu l-obbligu tagħhom, li jirriżulta mill-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li jikkonsultaw lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata meta kwalunkwe dubju dwar jekk l-att li jikkostitwixxi l-allegat reat twettaqx f'kwalità uffiċjali ma jkunx jista'

raġonevolment jiġi eskluż, jista' jitressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu prevista fl-Artikolu 258 TFUE. B'mod invers, meta t-tneħħija tal-immunità tkun intalbet lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata u tkun ġiet irrifjutata minnha, il-validità ta' dan ir-rifjut tista' tkun is-suġġett ta' domanda preliminari mill-qorti nazzjonali kompetenti jew ta' rikors dirett tal-Istat Membru kkonċernat abbażi tal-Artikolu 263 TFUE. Fl-aħħar nett, l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal tal-Unjoni involut jista' jippreżenta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rikors kontra d-deċiżjoni tal-istituzzjoni tal-Unjoni li taħtha huwa jaqa' li tneħħi l-immunità tiegħu minn proċeduri legali skont l-Artikolu 90(2) u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, sa fejn din id-deċiżjoni tikkostitwixxi att li jikkawżalu preġudizzju (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 48).

76 Fid-dawl tal-konklużjoni dedotta fil-punt 50 ta' din is-sentenza, li skontha l-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali skont l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, bħala membru ta' korp tal-BĊE skont l-Artikolu 22 ta' dan il-protokoll, l-interpretazzjoni li tinsab fil-punti 56 sa 75 ta' din is-sentenza tapplika bl-istess mod għall-każ ta' tali gvernatur.

77 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, moqri flimkien mal-Artikoli 17 u 22 ta' dan il-protokoll, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali, jiġifieri, skont l-istadju tal-proċeduri, l-awtorità responsabbli għall-proċeduri kriminali jew il-qorti kriminali kompetenti, għandha l-kompetenza sabiex tevalwa fl-ewwel lok jekk l-eventwali reat li twettaq mill-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali, fil-kwalità tiegħu ta' membru ta' korp tal-BĊE, huwiex riżultat ta' att ta' dan il-gvernatur imwettaq fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu fi ħdan dan il-korp, iżda għandha, f'każ ta' dubju, titlob, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, l-opinjoni tal-BĊE u taġixxi skont din l-opinjoni. B'kuntrast ma' dan, huwa biss il-BĊE li għandu jevalwa, meta titressaq quddiemu talba għat-tneħħija tal-immunità ta' dan il-gvernatur, jekk tali tneħħija tal-immunità tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni, bla ħsara għall-istħarriġ li jista' jkun hemm ta' din l-evalwazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

### *Fuq it-tielet domanda*

78 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandux jiġi interpretat fis-sens li l-immunità minn proċeduri legali li huwa jipprevedi tipprekludi l-proċeduri kriminali kollha, b'mod partikolari l-miżuri ta' investigazzjoni, il-ġbir tal-provi u n-notifika tal-att ta' akkuża, jew tipprekludi biss li l-benefiċjarji tagħha jiġu ġġudikati u kkundannati minn qorti, u jekk din l-immunità minn proċeduri legali tostakolax l-użu sussegwenti tal-provi miġbura matul l-investigazzjoni.

79 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tagħmel ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment ikollhom, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, indipendentement mill-klassifikazzjonijiet użati fl-Istati Membri, billi jitqiesu t-termini tad-dispożizzjoni inkwistjoni, kif ukoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali), C-18/20, EU:C:2021:710, punt 32).

80 Minn dan jirriżulta li, fl-assenza ta' riferiment, fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, għad-dritt nazzjonali, il-kunċett ta' "immunità minn proċeduri legali" li jinsab f'din id-dispożizzjoni għandu jitqies li huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li s-sens u l-portata tiegħu għandhom ikunu identiċi fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lil dan il-kunċett interpretazzjoni uniformi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

81 Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, għandu jiġi rrilevat li, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, l-immunità prevista f'din id-dispożizzjoni tipprekludi tal-inqas li l-benefiċjarji tagħha jiġu ġġudikati u kkundannati minn qorti. B'kuntrast ma' dan, mis-sempliċi formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni ma jistax jiġi dedott li din l-immunità ma tkoprix ukoll uħud mill-atti tal-proċedura kriminali msemmija fil-punt 78 ta' din is-sentenza, hekk kif tirrileva l-Avukata Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tagħha.

82 Konsegwentement, hemm lok li l-kunċett ta' "immunità minn proċeduri legali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jiġi interpretat fid-dawl tal-kuntest u tal-għanijiet imfittxija minn din tal-aħħar.

83 Fir-rigward tal-kuntest tal-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, għandu jiġi rrilevat li l-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-protokoll jiddefinixxu l-portata tal-immunità tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'mod iktar preċiż minn dik tal-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-persunal tal-Unjoni. Minn dawn l-artikoli jirriżulta li l-immunità tal-membri tal-Parlament hija ddefinita bħala li tinkludi l-proċeduri legali u ma hijiex għalhekk limitata biss għall-fażi tas-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra, C-200/07 u C-201/07, EU:C:2008:579, punt 27, u tas-17 ta' Settembru 2020, Troszczynski vs Il-Parlament, C-12/19 P, EU:C:2020:725, punt 39). B'kuntrast ma' dan, tali preċiżazzjoni ma tirriżultax fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet f'dak li jikkonċerna l-immunità minn proċeduri legali.

84 F'dak li jirrigwarda l-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, dan tal-aħħar huwa intiż sabiex jostakola l-eżerċizzju ta' proċeduri kontra uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni mill-awtoritajiet ta' Stat Membru biss fil-każijiet eċċezzjonali fejn l-att li huwa akkużat bih jitwettaq mill-imsemmi uffiċjal jew membru tal-persunal fil-kwalità uffiċjali tiegħu u sa fejn huwa strettament neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni. Issa, l-evalwazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-immunità minn proċeduri legali tippreżumi l-ewwel nett li jiġu stabbiliti r-realtà u l-imputabbiltà tal-fatti, u b'hekk ħafna drabi tirrendi neċessarju li ssir investigazzjoni tal-pulizija jew ġudizzjarja u li jinġabru provi. Għaldaqstant, imur kontra l-portata deliberatament relattiva li l-awturi tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet taw lill-immunità minn proċeduri legali li din tostakola l-investigazzjonijiet tal-pulizija jew ġudizzjarji.

85 Barra minn hekk, interpretazzjoni wiesgħa wisq tal-immunità minn proċeduri legali, li tinkludi l-investigazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja kif ukoll il-proċeduri kriminali preliminari, tista' twassal sabiex l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tal-Unjoni jkollhom kważi eżenzjoni mir-responsabbiltà kriminali u sabiex l-eżerċizzju tal-ġustizzja kriminali fl-Istat Membru kkonċernat jiġi abbużivament ostakolat meta xi ħadd minnhom ikun involut, u dan imur kontra l-valuri, esposti fl-Artikolu 2 TUE, li għalihom issottoskrivew l-awturi tat-Trattati, u b'mod partikolari l-Istat tad-dritt. F'dan ir-rigward, b'mod partikolari ma huwiex iġġustifikat li l-awtorità responsabbli għall-proċeduri kriminali ma tkunx tista' tinnotifikah b'att ta' akkuża.

86 Mill-kunsiderazzjonijiet premessi jirriżulta li l-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ma tipprekludix il-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom, b'mod partikolari l-miżuri ta' investigazzjoni, il-ġbir ta' provi u n-notifika tal-att ta' akkuża.

87 Madankollu, jekk, sa mill-istadju tal-investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet nazzjonali u qabel ma tiġi adita qorti, jiġi kkonstatat li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal tal-Unjoni jista' jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali għall-atti li huma s-suġġett ta' proċeduri kriminali, huma dawn l-awtoritajiet, skont l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, li għandhom jitolbu t-tneħħija tal-immunità lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata, li għalhekk għandha taġixxi, b'mod partikolari, b'mod konformi ma' dak li ġie espost fil-punti 58, 62 u 74 ta' din is-sentenza.

88 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-immunità minn proċeduri legali tostakolax l-użu sussegwenti tal-provi miġbura matul l-investigazzjoni, mill-kunsiderazzjonijiet premessi jirriżulta li din l-immunità ma għandhiex tali portata. Din tipprekludi biss kull użu tal-provi miġbura sabiex l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal tal-Unjoni involut jiġi ġġudikat u kkundannat għall-att kopert minn din l-immunità. B'kuntrast ma' dan, peress li l-imsemmija immunità tibbenefika biss lill-uffiċjal jew lill-membru tal-persunal tal-Unjoni kkonċernat għal att partikolari, hija ma tipprekludix li dawn il-provi jkunu jistgħu jintużaw fi proċeduri oħra li jikkonċernaw atti oħra li ma humiex koperti mill-immunità jew li huma indirizzati kontra terzi.

89 Għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-punt 76 ta' din is-sentenza, l-interpretazzjoni esposta fil-punti 81 sa 88 ta' din tal-aħħar hija rilevanti wkoll għall-evalwazzjoni tal-immunità minn proċeduri legali ta' gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru, fil-kwalità tiegħu ta' membru ta' korp tal-BĊE.

90 Fid-dawl tal-premess, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandu jiġi interpretat fis-sens li l-immunità minn proċeduri legali li huwa jipprevedi ma tipprekludix il-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom, b'mod partikolari l-miżuri ta' investigazzjoni, il-ġbir ta' provi u n-notifika tal-att ta' akkuża. Madankollu, jekk, sa mill-istadju tal-investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet nazzjonali u qabel ma tiġi adita qorti, jiġi kkonstatat li l-persuna suġġetta għall-investigazzjonijiet tista' tibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali għall-atti li huma s-suġġett ta' proċeduri kriminali, huma dawn l-awtoritajiet li għandhom jitolbu t-tneħħija tal-immunità lill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata. Din l-immunità ma tipprekludix li l-provi miġbura matul l-investigazzjoni jkunu jistgħu jintużaw fi proċeduri ġudizzjarji oħra.

### *Fuq il-ħames domanda*

91 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 11(a) u l-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-immunità minn proċeduri legali tista' tiġi invokata fl-interess tal-Unjoni meta l-benefiċjarju ta' din l-immunità jkun involut fl-ambitu ta' proċeduri kriminali għal atti li ma humiex marbuta mal-funzjonijiet li huwa jeżerċita f'isem istituzzjoni tal-Unjoni.

92 Qabelxejn, għandu jitfakkar li, minn naħa, mill-Artikolu 11(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jirriżulta li l-uffiċjali u l-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni jgawdu minn immunità minn proċeduri legali biss għall-atti mwettqa fil-kwalità uffiċjali tagħhom u, min-naħa l-oħra, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 ta' dan il-protokoll, jirriżulta li din l-immunità tingħata biss jekk tkun iġġustifikata minn interess tal-Unjoni.

93 Kif ġie espost fil-punt 73 ta' din is-sentenza, meta l-awtorità responsabbli għall-proċeduri kriminali tikkonstata li r-reat imwettaq mill-uffiċjal jew mill-membru tal-persunal tal-Unjoni manifestament ma jikkostitwixxix att imwettaq fil-kwalità uffiċjali tiegħu, hija tista' teskludi l-immunità minn proċeduri legali mingħajr il-ħtieġa li l-eżistenza ta' interess tal-Unjoni tiġi evalwata mill-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata fil-kuntest ta' talba għat-tneħħija tal-immunità.

94 Konsegwentement, l-immunità minn proċeduri legali hija inapplikabbli fil-kuntest ta' proċeduri kriminali eżerċitati kontra uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni li jirrigwardaw atti li ma għandhom ebda rabta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Kif tfakkar fil-punt 76 ta' din is-sentenza, din il-konklużjoni tapplika wkoll għall-gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru fil-kwalità tiegħu ta' membru ta' korp tal-BĊE.

95 Il-protezzjoni hekk mogħtija mill-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet lill-benefiċjarji tal-immunità minn proċeduri legali hija, kif tfakkar fil-punt 74 ta' din is-sentenza, ta' portata funzjonali u, għaldaqstant, relattiva u b'mod partikolari ma tippermettix li dawn jiġu protetti, jekk ikun il-każ, minn pressjonijiet eventwali li jistgħu jiġu eżerċitati intenzjonalment fuqhom permezz ta' proċeduri abbużivi għal atti li ma jitwettqux mill-uffiċjali jew mill-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni fil-kwalità uffiċjali tagħhom. Madankollu, għandu jitfakkar li, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, l-Istati Membri huma marbuta, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li jiffaċilitaw it-twettiq mill-Unjoni tal-missjoni tagħha u li jastjenu minn kull miżura li tista' tipperikola t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni. Issa, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat, essenzjalment, fil-punt 138 tal-konklużjonijiet tagħha, tali pressjonijiet jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u, għaldaqstant, jipperikolaw it-twettiq tal-għanijiet tagħha.

96 Fi kwalunkwe każ, l-osservanza tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali skont l-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet u l-Artikolu 4(3) TUE tista' tiġi imposta permezz ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (Arkivji tal-BĊE), (C-316/19, EU:C:2020:1030). Barra minn hekk, fir-rigward ta' gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali li jifforma parti mill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE, l-Artikolu 130 TFUE, riprodott fl-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, li jiggarantixxi l-indipendenza tal-membri tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE jew tal-banek ċentrali nazzjonali fit-twettiq tal-kompiti u tad-dmirijiet mogħtija lilhom mit-Trattati u mill-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE, jipprovdi wkoll bażi legali xierqa lill-Kummissjoni sabiex titlob, jekk ikun il-każ, li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata manuvri intiżi sabiex jikkompromettu din l-indipendenza.

97 Fid-dawl tal-premess, ir-risposta għall-ħames domanda għandha tkun li l-Artikolu 11(a) u l-Artikolu 17 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-immunità minn proċeduri legali ma tapplikax meta l-benefiċjarju ta' din l-immunità jkun involut fi proċeduri kriminali għal atti li ma jkunux twettqu fil-kuntest tal-funzjonijiet li huwa jeżerċita f'isem istituzzjoni tal-Unjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

98 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta’ u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 22 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, moqri fid-dawl tal-Artikolu 130 TFUE u tal-Artikolu 7 tal-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta’ Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-gvernatur ta’ bank ċentrali ta’ Stat Membru jista’ jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għall-atti li huwa wettaq fil-kwalità uffiċjali tiegħu bħala membru ta’ korp tal-Bank Ċentrali Ewropew.**

2) **L-Artikolu 11(a) tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 22 ta’ dan il-protokoll, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-gvernatur ta’ bank ċentrali ta’ Stat Membru jkompli, għall-atti mwettqa fil-kwalità uffiċjali tiegħu, jibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali prevista fl-Artikolu 11(a) tal-imsemmi protokoll wara li jkun waqaf jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu.**

3) **L-Artikolu 11(a) tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikoli 17 u 22 ta’ dan il-protokoll, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità nazzjonali responsabbli għall-proċeduri kriminali, jiġifieri, skont l-istadju tal-proċeduri, l-awtorità responsabbli għall-proċeduri kriminali jew il-qorti kriminali kompetenti, għandha l-kompetenza sabiex tevalwa fl-ewwel lok jekk l-eventwali reat li twettaq mill-gvernatur ta’ bank ċentrali nazzjonali, fil-kwalità tiegħu ta’ membru ta’ korp tal-Bank Ċentrali Ewropew, huwiex riżultat ta’ att ta’ dan il-gvernatur imwettaq fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu fi ħdan dan il-korp, iżda għandha, f’każ ta’ dubju, titlob, skont il-prinċipju ta’ kooperazzjoni leali, l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew u taġixxi skont din l-opinjoni. B’kuntrast ma’ dan, huwa biss il-Bank Ċentrali Ewropew li għandu jevalwa, meta titressaq quddiemu talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ dan il-gvernatur, jekk tali tneħħija tal-immunità tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni Ewropea, bla ħsara għall-istħarriġ li jista’ jkun hemm ta’ din l-evalwazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.**

4) **L-Artikolu 11(a) tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-immunità minn proċeduri legali li huwa jipprevedi ma tipprekludix il-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom, b’mod partikolari l-miżuri ta’ investigazzjoni, il-ġbir ta’ provi u n-notifika tal-att ta’ akkuża. Madankollu, jekk, sa mill-istadju tal-investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet nazzjonali u qabel ma tiġi adita qorti, jiġi kkonstatat li l-persuna suġġetta għall-investigazzjonijiet tista’ tibbenefika mill-immunità minn proċeduri legali għall-atti li huma s-suġġett ta’ proċeduri kriminali, huma dawn l-awtoritajiet li għandhom jitolbu t-tneħħija tal-immunità lill-istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea kkonċernata. Din l-immunità ma tipprekludix li l-provi miġbura matul l-investigazzjoni jkunu jistgħu jintużaw fi proċeduri ġudizzjarji oħra.**

5) **L-Artikolu 11(a) u l-Artikolu 17 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-immunità minn proċeduri legali ma tapplikax meta l-benefiċjarju ta' din l-immunità jkun involut fi proċeduri kriminali għal atti li ma jkunux twettqu fil-kuntest tal-funzjonijiet li huwa jeżerċita f'isem istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.**

Firem